# TALBA TA' OMM

*Ta'* Val. V. Barbara

Madonna ħelwa, niżżik ħajr li f'qalbi
Sa minn ċkuniti, f'ħoġor ommi t-twajba,
Nissiltli lejk imħabba kbira kbira;
Oh sbejħa fost is-sbieħ, ġilju bajdani,
Kemm kont intir bil-ferħ kull meta x-xwejħa
Li tatni ismek kienet dlonk twissini
Biex bħalek inkun safja f'ruħi u f'ġismi;
Drabi kienet teħodni ħdejn ix-xbieha
Li tatni bħal tifkira mbierka tagħha,
W hemmhekk tgħidli xi ġrajja ċkejkna fuqek
Illi tkun semgħet mill-qassis f'xi prietka.
Ħelwa daqs l-għasel minn xofftejha l-kelma
Kienet tinżel ġo qalbi xħin turini
Lil Alla tfajjel, b'martell ċkejken f'idu,
Milwi fuq l-art, jaħdem salib ċkejkuni,
Fil-waqt li inti u żewġek, bl-għodda f'idkom,
Tieqfu għal ftit mill-ħidma lieżma tagħkom,
U tħarsu lejh mistagħġba, b'dell ta' niket
F'għajnejkom.

Waħdi, jiena wkoll kont nieqaf
Inħares lejk, xbieha li tatni ommi.
Kemm sliem fil-għaqda tal-Familja Mqaddsa,
Qalb waħda fi tliet ġisma hienja u nodfa!
F'dak l-għomor tiegħi żgħir dlonk kont ngħix f'ħolma
Ta' ferħ u għaxqa, u fiha kont nistħajjel
Qed nara lilek, mara wisq żagħżugħa,
Taħdem u tagħnet, tħit, issajjar, tnaddaf;
Ġużeppi, raġel sbejjaħ, medhi f'xogħlu,
Jisserra jew jinċana, isammar, jiżbogħ;
Xi drabi jersaq lejk u jerħi f'idek
Dik ix-xi ħaġa ċkejkna li jkun daħħal
Bl-għaraq ta' ġbinu; Ġesù jgħinu, inewwel,
Jew jaqdi lilek, jew fil-bitħa għax-xmejxa
Jilgħab biż-żrar inkella b'xi ħaġ'oħra;
Ħolma tal-ġenna li, wisq naħseb, fiha
Tnisslet ix-xewqa illi bħalek ngħammar,

Fil-milja ta' xbubiti, dar kennija
Fis-sliema ma' żagħżugħ twajjeb u sbejjaħ;
Xewqa li twettqet meta, f'jum ta' Mejju,
Lil dak li rajt fil-ħolma ta' tfuliti,
F'riġlejn l-artal, qalb ġilji u daqq ta' orgni,
Wegħidtu, b'idi f'idu, imħabbti u qalbi;
Xewqa li ntemmet meta, wara sena,
Fi ħdani rajt wiċċ ġdid, frott imħabbitna:
Tarbija tagħna, kollha tagħna, ġidna,
U lilha tajtha ismek, o Marija.
Oh! kemm erfajtha lejk, kemm offrejthielek,
Xbieha maħbuba li dendilt fuq soddti,
Tifkira ħelwa t'ommi li ħabbitek!

Madonna tiegħi, dak id-dell ta' niket
Li jidher f'ħarstek twila inti u tara
'L Ibnek Ġesù jaħdem salib ċkejkuni,
Fhimtu u ġarrabtu... Oh! farraġni, twajba!
Qalu li kellha ġbini, lħiti, għajnejja,
Li kellha s-silta ta' ħaddejha u fommha
Jixbhu lil tiegħi, f'wiċċ bajdani u warda.
Għalija kienet anġlu ġej mis-sema:
X'nista' ngħid aktar? jew x'neħtieġ ngħid aktar?
U lejn is-sema ma damx wisq, Madonna,
Ma reġa' ttajjar fuq ġwenħajh tad-deheb.
U jien sfajt waħdi waħdi mingħajr binti,
Hekk kif int, o Marija, sfajt bla Ibnek.

Aħfirli, raġel li ħabbejt, li għadni
Inħobb bil-ħerqa l-ewlenija u kbira
Ta' meta għaxar snin ilu sfajt missier
Għal xahrejn biss li ntemmu ħesrem! Waħdi
Waħdi miniex...!

Oh le, mhux minnu jonqos
Jekk kull fil-għodu, ħs-sigħat bikrija,
Għalxejn infittex id-dirgħajn felħana,
Kenn u mistrieħ għalija: ikun ġa ħareġ
Bikri għall-ħidma. Le, mhux minnu jonqos
Jekk kull fl-għaxija sajf u xitwa jwasslu
Id-dawl tal-qamar lejn id-dar, fejn martu

Tolfoq u tibki tkun tistenna 'l żewġha,
Bl-ikel għas-sħana. Le, mhux minnu jonqos
Jekk għajnejh sbieħ ma għadx fihom il-ħlewwa
Li kellhom darba; jekk il-kliem li jsaħħar,
Li kien idoqq f'widnejja bħal qanpiena
Sbejħa tal-bronz, intefa 'ma le ntesa;
Jekk iż-żegħila fuq ħaddejja sfajra
U mixrubin, meta xi drabi tinżel,
Ma tinżelx aktar mielsa bil-wiċċ t'idu;
Jekk leħnu tbiddel, jekk imġibtu saret
Xi ftit imqita miegħi..., jekk imħabbtu...,
Jekk qalbu..., oh! le, Madonna, mhux hu jaħti:
Il-ħtija tiegħi biss għax ġufi ngħalaq,
Sigra li ħwielet qabel żmienha u nixxfet
Go fiha l-għajn tal-ħajja, u għalxejn turi
Fil-qoxra sfiqa u għanja ta' werqatha
Sbuħija mejta, la ma troddx il-frotta
Mitluba minnha b'jedd qaddis li nħalef
Fi ġnien ta' ġilji, qalb id-daqq ta' l-orgni.
Din hija l-ħolma? Din ix-xewqa u t-tama?
Din hi l-imħabba illi b'qalb imriegħda
Stennejt, ħaddant u tlift?

Hsiebi jiġġerra

'Il bogħ'd, 'il bogħ'd, meta naqra ta' tfajla,
Bil-qiegħda fuq banketta, idejja f'ħoġri,
Sieqi msallba ma' l-oħra, rasi mmejla
Kemmxejn fuq ġenb, kont noqgħod żmien inħares
Lejkom it-tlieta, tliet erwieħ qaddisa,
U l-aktar lejk, Omm ta' Ġesù, Marija.
Bil-mod il-mod trawmet ġo dehni l-fehma,
Go qalbi r-rieda li fuq ħajtek ħajti
Infassal, u nsir tlieta f'ġisem wieħed,
Tliet imħabbiet f'qalb waħda, annuna u hienja.
U f'jum ta' Mejju t-tieni jien ħa mkiennu,
U bdiet it-tama li ma jdumx it-tielet
Ma jimla tiegħu; u xħin, għajjiena u dgħajfa,
Ilmaħt ma' ġenbi l-jiena l-ieħor ċkejken,
Hassejt l-aħħar pinzell itemm xbieha oħra
Li kienet tixbah lilek, xbieha mbierka!
Ahi! x'tama fiergħa nbniet biex f'daqqa nħattet!

Hekk kif ix-xwejjaħ, li fi trejqa mwarrba
Jonqsu l-għasluġ li jwieżnu, jogħtor f'daqqa,
Jew bit-tbatija jkaxkar riġlejh morda
Li ma jweġbux hekk sew għall-ħtieġa kbira
Li waħda tħoss ta' l-oħra, hekk, imsejkna
Ta' mara, ġrali jien fit-triq tal-ħajja.
Tama ma tinbetx wisq illi l-egħlejjel
Jikbru u jroddu wara żmien ta' xegħta!
Imm'int, imm'int, ja Omm, xita ta' grazzji
Taf tniżżel ta' kull waqt fuq min jitolbok,
U ttella' siġra fejn kien xagħri u ħawli.
U minnha tislet il-għasluġ li jwieżen
Fil-mixja tagħhom żewġ riġlejn magħtuba.
Imla l-battal, witti l-għammieq, oh! saħħaħ
Il-ħnejja bi plier ġdid, sabiħ u qawwi.
U jekk dat-talb imsejken, Omm tal-ħniena,
Tlaħħmu fi ħdani, 'tih għajnejn kbar suwed,
Xagħ'r tuta, idejn melsin, u sider wiesa',
Leħen li jdoqq f'widnejja bħal qanpiena
Sbejħa tal-bronz, biex f'kollox jixbah lilu,
Lil dak li nħobb, lil dak li ħajtu ħajti.

Hekk f'dan id-dlam tiddi mill-ġdid il-kewkba
Li tħabbar kull fil-għodu x-xemx utieqa;
Hekk f'dan il-barr tidwi mill-ġdid il-għanja
Tal-għammiel, hieni fuq żarġuna ħadra;
Hekk f'din id-dar, għamara mqaddsa tiegħi,
Jerġa' mill-ġdid is-sliem, terġa' l-imħabba.

Is-sliem għalik, Sultana. Omm tal-ħniena,
Int ħajja u ħlewwa u tama tagħna, is-sliema!
Lilek ingħajtu, aħna t-turufnati
Ulied ta' Eva, lilek, Omm, nitniehdu,
Aħna msejknin li qegħdin nibku u nolfqu
F'dal-wied tad-dmugħ! Immela dawwar lejna
Għajnejk tal-ħniena, j'Avukata tagħna.
Wara t-turufnament, Omm t'Alla, urina
Il-frott imbierek tal-ġuf tiegħek safi.
Inti ħanina u twajba, inti ħelwa,

Xbejba Marija!